# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 90/2021**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Jessica Bezzina)**

**-Vs-**

**CARMELO MIFSUD**
**(ID: 337873M)**

**Illum, 20 ta' Mejju 2021**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **CARMELO MIFSUD** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 337873M:

Fil-25 ta' Ottubru 2018 u/jew fix-xhur u/jew fis-snin ta' wara f'dawn il-gzejjer:

1. Approprja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat cioe l-ammont ta €1500 fdati jew

ikkunsinnati lilu minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minħabba depożitu.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali fit-8 ta' Frar 2021 sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2021, l-Ufficjal Prosekutur qrat u halfet l-akkuzi bil-gurament;

Semghet lill-imputat waqt l-ezami iwiegeb li huwa hati;

Rat illi wissiet lill-imputat dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu, spjegat l-imputazzjonijiet li jinsab mixli bihom u ssospendiet fattwalment is-seduta biex taghti zmien lill-imputat biex jahseb sew dwar din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu;

Semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu anke wara illi nghata zmien biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li l-Qorti spjegatlu l-pieni erogabbli ghal kull akkuza li jinsab mixli bihom;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Rat illi l-kawza kienet differita ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

In vista tal-ammissjoni li giet registrata mill-imputat, liema ammissjoni del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur tieghu u bl-osservanza tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 392A(1) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tqis li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet debitament ippruvata u b'hekk l-imputat ghandu jinsab hati tar-reat li gie mixli bih.

Ghall-fini tal-piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti fuq dikjarazzjoni ta' htija tal-imputat, il-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom in-natura serja tar-reat, liema serjeta` hija aggravata bil-fatt illi l-imputat approprja ruhu mill-flus fdati lilu minhabba proprju minhabba s-servizz li kien impenja ruhu li jaghti lill-parti leza, Ian Chetcuti, konsistenti f'xogholijiet ta' kostruzzjoni fil-proprjeta` tal-istess parti leza. Hadet qies ukoll tal-valur mhux sostanzjali tal-flus approprjati indebitament mill-imputat u wkoll tal-fatt illi l-ammissjoni saret fl-iktar stadju bikri tal-kumpilazzjoni, ossia waqt l-ezami tal-istess imputat a tenur tal-Artikolu 392 tal-Kapitolu 9 u l-ko-operazzjoni pjena li wera l-imputat waqt l-investigazzjonijiet tal-Pulizija. Il-Qorti hadet qies ukoll tal-fatt illi l-imputat iddispjacih ghal eghmilu u gharaf il-htiega li jrodd lura dak li dawwar ghalih bi ksur tal-ligi.

Madanakollu, ghandu jinghata wkoll id-debita konsiderazzjoni ghall-fatt illi jirrizulta mill-fedina penali tal-imputat li huwa mhux gdid ghall-kriminalita` u diga` nstab hati diversi drabi ta' reati kriminali fosthom serq izda ghalkemm inghata l-beneficcju tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 kif ukoll ta' sanzjoni komunitarja, fost pieni ohrajn, ma jidhrix li l-imputat gharaf juzufruwixxi minn dawn l-opportunitajiet u jirriforma ruhu izda minflok, rega' qabad it-triq tal-kriminalita`. Il-Qorti qieset ukoll illi minkejja l-fatt li ghadda zmien mhux hazin minn meta kkommetta r-reat, sal-lum l-imputat baqa' ma hallasx lura l-ammont approprjat indebitament mill-parti leza, ghalkemm ghandu jinghad illi l-parti leza jidher dispost jikkoncedi iktar zmien biex jithallas lura s-somma ta' €1,500. Il-Qorti tifhem illi l-imputat sab ruhu f'diffikolta` biex isib impjieg u jidher ukoll li ghadda minn zmien fejn kien mahkum mill-vizzju tal-loghob – kif stqarr huwa stess fl-istqarrija tieghu – izda hu evidenti li l-imputat ghandu bzonn

jaghraf li d-delinkwenza m'hijiex is-soluzzjoni ghall-problemi tieghu u jifhem is-serjeta` ta' eghmilu u l-konsegwenzi legali tan-nuqqas li jirriforma ruhu darba ghal dejjem. Fil-qies ta' dawn ic-cirkostanzi kollha il-Qorti m'hijiex tal-fehma li l-imputat huwa kandidat idoneu ghal sanzjoni fil-komunita` izda fl-istess hin tqis li piena karcerja effettiva mhijiex xierqa u ghalhekk, fin-nuqqas tal-addebitu tar-recidiva, sejra mhux biss tapplika l-piena fil-minimum taghha izda sejra tapplika wkoll id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni l-Qorti ssib lil CARMELO MIFSUD hati l-imputazzjoni migjuba kontrih u tikkundannah seba' (7) xhur prigunerija izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna illi din is-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perijodu ta' tmintax (18)-il xahar mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.**

**Wara li rat l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda tordna lil CARMELO MIFSUD jirrestitwixxi lill-parti offiza Ian Chetcuti is-somma ta' elf u hames mitt Euro (€1,500), liema hlas ghandu jsir fi zmien mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mil-lum.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) u 28H(8) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija u/jew jekk ikun hemm nuqqas ta' konformita` mal-ordni mahrug bis-sahha tal-Artikolu 28H.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**

**MAGISTRAT.**